MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 227/2013

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**

**vs**

**La Palma Imports Limited (C 20394)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tal-Avukat Daphne Sims Dodebier ghan nom u in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti ai termini ta' l-Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, tas-7 ta'Marzu 2013, li jaqra hekk:

*"Illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat datat 24 ta' Marzu 2006 (Dok HSBC1 hawn anness), rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficcjali datata 8 ta' Frar 2007 (Dok HSBC2), is-socjeta intimata giet konfermata debitrici tal-Bank rikorrent fis-somma €759,832.87 (ekwivalenti ghal Lm326,196.25)*

*oltre l-imghaxijiet legali bir-rata ta' 8 % fis-sena mill-25 ta' Jannar 2007 sad-data tal-hlas effettiv;*

*Illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat datat 24 ta' Marzu 2006 (Dok HSBC3 hawn anness), rez ezegwibbli permezz ta' ittra ufficcjali datata 8 ta' Frar 2007 (Dok HSBC4), is-socjeta intimata giet konfermata debitrici tal-Bank rikorrent fis-somma ta' €462,465.64 (ekwivalenti ghal Lm198,536.50) oltre l-imghaxijiet legal bir-rata ta' 8% fis-sena mil-25 ta' Jannar 2007 sad-data tal-hlas effettiv;*

*Illi ghalkemm saru diversi pagamenti s-socjeta intimata baqghet debitrici tas-socjeta' rikorrenti;*

*Illi ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta' l-istess ittra ufficcjali u s-socjeta' rikorrenti qeghda permezz tal-prezenti titlob l-awtorizzazzjoni ta' dina 1-Onorabbli Qorti ai termini ta' 1-artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tesegwixxi dan 1-istess titolu fil-konfront tas-socjeta' intimata ghall-bilanc li ghadu dovut;*

*Ghaldaqstant is-socjeta' rikorreti titlob bir-rispett lil dina 1-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tlett snin u li id-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn… li jkun qieghed ifittex esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".*

Rat l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors;

Rat illi ir-rikors u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta'intimata permezz tal-procedura tal-affissjoni fid-29 ta' Lulju 2013, u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fid-9 t'Awwissu 2013 u fil-Gazzetti Lokali fis-26 t'Awwissu 2013;

Rat il-verbal tal-21 ta' Novembru 2013, illi bih il-Qorti akkordat terminu sabiex is-socjeta' konvenuta tipprezenta

is-sottomissjonijet taghha ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12;

Rat illi s-socjeta' intimata baqghat inadempjenti;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi tal-bank rikorrenti, precizament mix-xhieda ta' Dr. Daphne Dodebier tat-13 ta' Jannar 2014 , gie sodisfacentement stabbilit u pprovat l-ammont mitlub mill-bank u l-konteggi tal-interessi. Dr. Dodebier kkonfermat ukoll illi l-ammont mitlub fir-rikors promotorju ghadu dovut u ma nbidel xejn mid-data tal-prezentata tar-rikors promotorju sal-llum. Gie ezebit ukoll rendikont tal-ammonti dovuti permezz ta' Dok. HSBC 1a , HSBC 2a u HSBC 3a.

Jidher illi il-kaz in ezami jitratta ezekuzzjoni ta'zewg kuntratti li **huma kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu** vide Dok.HSBC1 a fol. 2 sa 5 u Dok.HSBC3 a fol. 8 sa 11. Dawn iz-zewg kuntratt gew rezi ezekuttivi permezz t'ittri ufficjali datati 8 ta' Frar 2007, debitament notifikati lis-socjeta' intimata, vide Dok. HSBC2 a fol. 6 u 7 u Dok. HSBC4 a fol. 12 u 13.

Illi di piu, l-provi migjuba mill-bank attur m'humiex kontradetti mis-socjeta' intimata , u ghaldaqstant it-talba dedotta fir-rikors hija skond il-ligi.

Ghal dawn il-mottivi, u ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti, tilqa' t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez kontra socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------